nistgħu nittraduċuha sbuħija tal-qalb. Għalhekk irridu inħarsu lejn il-verġinità mhux mil-lat tal-ġisem imma mil-lat tal-qalb. Kull omm titlef il-verġinità fiżika imma ma titlifx il-verġinita tal-qalb. Għalhekk kull mara trid titgħallem tgħożż is-safa tal-qalb. Kull mara għandha piż kbir li tgħożż is-sbuħija tagħha spiritwali bħala 'għodda' meħtieġa li permezz tagħha Alla jidher fid-dinja li ngħixu fiha. Sfortunatament dan mhux dejjem iseħħ. Minkejja li Kristu fuq is-salib feda s-sbuħija tal-qalb, ħafna nisa qegħdin litteralment jarmu din is-sbuħija tal-qalb u jagħtuha għalf lill-ħnieżer. Dan l-għalf huma l-vizzji tad-dnub. Koabitazzjoni, adulterju, kontraċettivi, prostituzzjoni, sess bla rażan, moda maħmuġa u xorta ta' vizzji oħrajn. Huma 'droga' li jħammġu s-sbuħija tal-mara li jneżżgħu l-ħila tal-mara li permezz tas-safa u s-sbuħija tar-ruħ tagħha tressaq il-qalb tal-bniedem lejn Alla li hu l-istess sbuħija.

Marija, int li int ix-xbieha l-aktar perfetta tas-sbuħija t'Alla taħt il-ħarsien tiegħek aħna nistkennu. Nitolbuk li teħles lid-dinja mill-ħajja tal-pjaċiri tal-ġisem u agħmel li bħalek, kull mara bis-safa tal-qalb twassalna u tressaqna lejn Alla.

# *Maestro Giuseppe Caruana (1880-1931)*

*Paul Cilia*



Jien inħossni kbur li t-triq fejn noqgħod hija msemmija għal Maestro Malti Ġużeppi Caruana, kompożitur ta' bosta biċċiet mużikali u innijiet reliġjużi li għadhom popolari u jindaqqu u jitkantaw sal-lum mhux biss f'Malta iżda anki barra minn Malta.

Ġużeppi Caruana twieled il-Belt Valletta fl-1 ta' Ġunju, 1880. Meta kien tifel żgħir, flimkien ma' bosta studenti oħra li kienu jippromettu, kien jistudja l-mużika għand il-magħruf Surmast Paolino Vassallo. Dan is-Surmast mal-ewwel induna u għaraf il-ġenju taċ-ċkejken Caruana u ma damx wisq li għażlu biex ikun l-assistent tiegħu biex jidderieġi fis-servizzi numerużi tiegħu, Ġużeppi Caruana ma damx ma beda huwa wkoll jorganizza l-kor u l-orkestra tiegħu.

Meta kellu 21 sena, Ġużeppi Caruana kien diġà kkompona diversi melodiji armonjużi li ġew aċċettati mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi għaliex kienu jaqblu ma' l-istruzzjonijiet li kienu ħarġu mill-Vatikan biex jirregolaw ċerta mużika li kienet tindaqq fil-festi tal-knejjes. Matul dan iż-żmien. Ġużeppi Caruana nħatar ukoll maestro di cappella fil-knejjes ta' San Ġakbu u ta' Porto Salvo fil-Belt. 'Il quddiem huwa sar maestro di cappella ta' diversi knejjes oħra.

Kien fis-snin 1912-1913 li Ġużeppi Caruana organizza kor ta' żgħażagħ biex ikun jista' jieħu sehem fl-24 kungress ewkaristiku internazzjonali li sar f'Malta f'April tal-1913. F'din l-okkażjoni memorabbli għal Malta, Ġużeppi Caruana dderieġa kor ta' 100 kantant u 12,000 kantanti żgħar matul dan il-Kungress. Il-kompożizzjoni magħrufa tiegħu 'T'Adoriam Hostia Divina' li llum bil-Malti nafuh bl-innu ewkaristiku 'Nadurawk ja Ħobż tas-Sema' bil-lirika tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila kienet tassew suċċess kbir. Mhux ta' b'xejn li dan l-innu ewkaristiku ġie tradott f'diversi lingwi u għadu sal-lum jitkanta f'diversi okkażjonijiet ewkaristiċi barra minn Malta fosthom fil-kungressi internazzjonali. Kien dan l-innu li lil Ġużeppi Caruana ġablu rikonoxximent fuq skala internazzjonali.

Kien f'Ġunju tal-istess sena ta' dan il-Kungress Ewkaristiku, jiġifieri fl-24 ta' Ġunju 1913, li Maestro Caruana żżewweġ lil Elena Laspina. Minn dan iż-żwieġ kellu sitt itfal, fosthom żewġ subien li wieħed minnhom aktar 'il quddiem sar patri Ġiżwita.

Kien bl-inkoraġġiment ta' Monsinjur Ferris li dak iż-żmien kien il-ministru tal-edukazzjoni, li Ġużeppi Caruana, li dak iż-żmien kien ukoll għalliem tal-mużika fid-dipartiment tal-edukazzjoni, li bil-għajnuna ta' Dun Karm Psaila kkompona melodiji mill-isbaħ li għadna nkantawhom sal-lum, fosthom l-innijiet 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju', 'L-Innu ta' Filgħodu', 'L-Innu ta' Filgħaxija', 'Tina l-Ħlewwa ta' l-ilsna tas-sema', 'Qawwi Qlubna' u bosta oħrajn.

Fost il-kompożizzjoniet oħra reliġjużi miktuba minn dan is-Surmast Malti, insibu wkoll il-famuż Innu Marjan 'Issa ntemmet ix-Xewqa ta' Qalbna' li tkantat fl-okkażjoni tal-inkoranazzjoni ta' Marija Bambina tal-Isla. Ma' dawn insibu bosta innijiet oħra ta' diversi qaddisin patruni ta' diversi rħula u bliet kif ukoll innijiet reliġjużi oħra li jitkantaw fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira. Maestro Ġużeppi Caruana miet fl-età ta' 51 sena fl-21 ta' Novembru 1931.

